



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

9.2.2015

0004/2015

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar it-tnedija ta' Sena Ewropea dwar il-Ġlieda kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa

**Marc Tarabella (S&D), Iratxe García Pérez (S&D), Vilija Blinkevičiūtė (S&D), Biljana Borzan (S&D), Barbara Matera (PPE), Constance Le Grip (PPE), Mariya Gabriel (PPE), Teresa Jiménez-Becerril Barrio (PPE), Izaskun Bilbao Barandica (ALDE), Catherine Bearder (ALDE), Inês Cristina Zuber (GUE/NGL), Kostadinka Kunева (GUE/NGL), Terry Reintke (Verts/ALE), Ernest Urtasun (Verts/ALE), Jana Žitňanská (ECR)**

Data ta' skadenza: 9.5.2015

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament,  
dwar it-tnedija ta' Sena Ewropea dwar il-Ġlieda kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa<sup>1</sup>**

L-espressjoni 'vjolenza fuq in-nisa' tindika l-atti kollha ta' vjolenza sessista li jirriżultaw, jew li x'aktarx jirriżultaw fdannu jew f'sofferenza fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika għan-nisa, inkluż it-theddid ta' tali atti, l-użu ta' forza jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, kemm jekk dan iseħħ fil-ħajja pubblika jew fil-ħajja privata.

2. Il-vjolenza fuq in-nisa tinkludi reati li sproporzjonalment ikollhom impatt fuq in-nisa, bħal vjolenza sesswali, fastidju sesswali, stupru, insegwiment malizzjuż u vjolenza domestika, u hija vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tan-nisa fir-rigward tad-dinjità, l-ugwaljanza u l-aċċess għall-ġustizzja.
3. Il-vjolenza fuq in-nisa hija ostaklu kbir għall-parità tal-ġeneru u tirrappreżenta waħda mill-iktar vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem mifruxa, mingħajr limiti ġeografiċi, finanzjarji, kulturali jew soċjali.
4. Il-vjolenza fuq in-nisa hija problema kbira fl-UE, fejn mara minn kull tlieta hija vittma ta' vjolenza sesswali u/jew fiżika.
5. Il-Kummissjoni għaldaqstant hija mistiedna tniedi fl-2016 Sena Ewropea dwar il-Ġlieda kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa.
6. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta dikjarazzjoni tkun iffirmsata minn magħgoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, din tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.